MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

17 ta' Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Il-Laqgħa bdiet fil-ħin. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa bl-eċċezzjoni tas-Sur Debono li kien għadu ma wasalx.

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 Il-minuti ġew approvati .

## 42.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

F'dan il-mument daħal is-Sur John Debono 5.40pm

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

42.3.1 L-AKL li bagħtet Ċirkulari 2018/07 rigward l-effett negattiv meta jittajjru bżieżaq tal-helium

42.3.2 Kwotazzjoni biex issir *solar mobile metal rectangle structure* ġo Ġnien Ħal-Warda. Kulħadd qabel.

42.3.3 Rapport mill-Perit fuq l-Uffiċċini fejn intqal li s-saqaf tas-sala iddeterjora l-periklu żdied. Is-Sindku propona li l-Kunsill jipproċedi fuq is-sit il-ġdid sakemm toħroġ il-kera. Is-Sur Cassar saqsa jekk il-kera tal-Gvern hix ha tkun nomindi? Is-Sur Cordina qal li l-aħħar li tkellmu mas-Sur Chris Bonnett kien intqal li tista' tiġi waived. Il-Kunsill iddeċieda li ħa jipproċedi bl-applikazzjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar għal *change of use.*

42.3.4 Laqgħa li se ssir fil-25 ta' Lulju minn Attard Residents Environmental Network fis-Sala Parrokkjali. Is-Sur Zammit qal li hu ġa esprima l-opinjoni tiegħu li jaqbel mal-proġett. Qal li l-Perit tkellem tajjeb ħafna imma ma jħossx li għandu jattendi. Is-Sindku qal ukoll li hu se jiltaqa' ma' dan il-grupp nhar id-19 ta' Lulju fil-5.30pm fis-Sala tal-Kunsill u kull min irid jista' jattendi.

42.3.5 Se jsir is-soltu parti tal-Anzjani għall-festa, u li hemm xi spejjeż oħra tas-soltu bħad-dawl temporanju u siġġijiet għall-festa. Informa l-Kunsill ukoll li hemm xi spejjeż tal-Perit Edward Said konnessi mal-proġett tal-Vapur tal-Art li l-Kunsill irid iħallas imma li tali rendikont jingħata x-xahar id-dieħel u jkun jista' japplika għalihom mill-fond ta' ko-finanzjament.

Sospensjoni biex jitkellem Ahmed Amer minn Malta Textile Recycling. Hu qal li qegħdin iduru l-Kunsilli u s'issa ffirmaw *agreements* ma' 18 minnhom fuq *door to door collection.* Hu qal li 8% tal-qliegħ imur għall-karita' u l-bqija jkun qliegħ għall-kumpanija. Il-Kunsill irringrazzja lis-Sur Amer u wara li ħalla l-kamra kompla jiddiskutu din it-talba. Kulħadd qabel li l-ġabra tal-ħwejjeġ tista' tiġi reklamata fuq il- fb page, li l-*agreement* irid jiġi modifikat u titneħħa sew in-*no exclusivity* kif ukoll *terminated by mutual agreement* u minflokha tidħol *terminated by a decision of the LC.*

## 42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

42.4.1 Is-Sur John Debono saqsa jekk:

- Fi Triq Sant'Anton barra l-*one-way*, kienx hemm xi żviluppi oħra. Is-Sur Cordina qal li ġiet approvata bankina t-tul kollu tal-Kitchen Garden

42.4.2 Is-Sur Alfred Zammit saħħaq fuq:

- L-iskips ta' ħdejn il-Knisja li huma *eyesore*, koroh u talab biex jinsab post ieħor. Issuġġerixxa li jitpoġġew ġo parkeġġ qrib il-parkeġġ tal-banka tal-lottu. Is-Sinjura Scerri ssuġġeriet li tittieħed parti mill-Ġardina. Ma kienx hemm qbil fuq din it-talba pero' s-Sur Cordina ssuġġerixxa li ssir laqgħa mas-sidien.

Is-Sur John Debono ħalla l-kamra 6.29pm

- Talab li titnaddaf daħla ta' garaxxijiet fi Triq Victor Vassallo u li jsir xi ħaġa fuq il-plottijiet ta' Triq il-Pitkali. Is-Sur Cordina qal li kien diga' sar rapport lill-Pulizija. Pero' qal li jista' jsir kuntatt mal-Lands forsi jsir kuntatt min-naħa tagħhom mas-sidien u jitnaddfu.
- Li jitnaddaf wara l-Letterbox fl-istess triq.

42.4.3 Is-Sur Ralph Cassar:

- Li l-iskrivana qed taħdem fuq il-kampanja Ekofesta
- Li din is-sena Greenpak qed iniedu kampanja ZIBEL fejn ħa jagħmlu bħal net kbira biex jiġbru l-flixken tal-plastik fiha
- Li nxtraw 40 pjanta tal-bżar tal-patrijiet
- Li Nextbike jixtiequ jagħmlu riklam fuq ir-Rivista dwar korsijiet 'Bikeability'
- Li ġew approvati l-*bike racks Sheffield type.*

42.4.4 Is-Sur Connie Scerri tkellmet fuq :

- Li Animal Welfare u in-*neutering* tal-qtates,
- Li fi Triq Birkirkara ir-Rihan insteraq, il-kuntrattur qed inaddaf, irid isaqqi iktar u li għad fadal xi konkos.
- Li ġewwa Sqaq Sant'Anna hemm ħafna ġrieden.

Is-Sur R. Azzopardi propona li:

- Ssir l-inizjattiva ZIBEL bħalma saret ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Is-Sur Cassar ġa tkellem dwarha.

## 42.5 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Kwart tas-Sena April - Ġunju 2018

42.5.1 Approvat.

## 42.6 Rapporti

42.6.1 Ma kienx hemm iktar rapporti.

## 42.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

42.7.1 Approvati.

## 42.8 Mozzjonijiet; u

42.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 42.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.25pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Awwissu 2018 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 13 ta' Awwissu 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |